## L-Erbgħa u Tletin Ħadd Matul is-Sena
## Sidna Ġesù Kristu: Sultan tal-Ħolqien Kollu

***Daħla:*** Il-mixja tagħna wara Ġesù għandha tmiem. Irridu naslu li nagħrfuh bħala l-Mulej u s-Sid tagħna u ta' kollox inkluż Sid iż-żmien etern. F'idejh il-ħajja u l-mewt, f'idejh id-dħul jew le fil-Ġenna. Fil-Vanġelu llum insibu lil Ġesù jisma' t-talba umli ta' xi ħadd li wasal fl-aħħar ta' ħajtu u għaraf jieħu responsabbiltà tal-imġiba tiegħu u jitolbu maħfra. Ejjew ma nħallux sal-aħħar imma llum stess nammettu li f'Ġesù biss hemm is-salvazzjoni u nintelqu f'idejh. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** It-tnax-il tribù ta' Iżrael ħallew f'idejn is-Sultan David biex jgħaqqad il-poplu t'Alla. Dan hu simbolu għall-bnedmin kollha biex jafdaw fis-Sultan Ġesù biex jagħmilna l-Poplu t'Alla, Poplu wieħed. Nisimgħu.

***Responsorju tas-Salm:*** **Sejrin ferħana f'dar il-Mulej.**

***It-Tieni Qari:*** Din li se nisimgħu issa hija stqarrija ta' fidi f'Ġesù u x'awtorità tah Alla l-Missier fuq kollox. Ġesù l-Messija hu l-Mulej!

***Offertorju:****(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Ejjew intellgħu offerta ta' tifħir u ringrazzjament lil Alla tagħna. Din l-offerta ssir is-sagrifiċċju perfett li jsalvana u jagħti glorja xierqa lil Alla. Waqt din l-offerta, inkantaw….

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Nersqu bil-qima u ferħana għall-mejda li ħejjielna Ġesù, is-Sultan tagħna, biex permezz ta' din it-tqarbina nkomplu nsaħħu l-għaqda tagħna mal-Knisja u fl-istess ħin nitħejjew ukoll biha għas-saltna ta' dejjem fis-sema. Inkantaw...

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
"Roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl" qalilna San Pawl fit-tieni qari. Għalhekk nagħmlu bil-qalb dan ir-radd ta' ħajr tagħna billi ngħidu…

***Kant tal-Għeluq…***